Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2003/91/KE

tas-6 ta' Ottubru 2003

li twaqqaf il-miżuri ta'implimentazzjoni għall-għanijiet ta' Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE rigward il-karatteristiċi li għandhom jiġu inklużi bħala minimu ottenut mill-eżami u l-kondizzjonijiet minimi għall-eżami ta'ċerti varjetajiet ta'speċi ta' ħaxix

(Test b'relevanza għaż- ŻEE)

(ĠU L 254, 8.10.2003, p. 11)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Direttiva tal-Kummissjoni 2006/127/KE tas-7 ta' Diċembru 2006	L 314M	82	8.12.2006
►M2	Direttiva tal-Kummissjoni 2007/49/KE tas-26 ta' Lulju 2007	L 195	33	27.7.2007
►M3	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/83/KE tat-13 ta' Awwissu 2008	L 219	55	14.8.2008
►M4	Direttiva tal-Kummissjoni 2009/97/KE tat-3 ta' Awwissu 2009	L 202	29	4.8.2009
►M5	Direttiva tal-Kummissjoni 2010/46/UE tat-2 ta' Lulju 2010	L 169	7	3.7.2010
►M6	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/68/UE tal-1 ta' Lulju 2011	L 175	17	2.7.2011
►M7	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/44/UE tas-26 ta' Novembru 2012	L 327	37	27.11.2012
►M8	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/57/UE tal-20 ta' Novembru 2013	L 312	38	21.11.2013
►M9	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/105/UE tal-4 ta' Diċembru 2014	L 349	44	5.12.2014
►M10	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1168 tal-15 ta' Lulju 2015	L 188	39	16.7.2015
►M11	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1914 tal-31 ta' Ottubru 2016	L 296	7	1.11.2016
►M12	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/100 tat-22 ta' Jannar 2018	L 17	34	23.1.2018
►M13	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/114 tal-24 ta' Jannar 2019	L 23	35	25.1.2019
►M14	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1985 tat-28 ta' Novembru 2019	L 308	86	29.11.2019
►M15	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/746 tas-6 ta' Mejju 2021	L 160	94	7.5.2021

►**M16**	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/905 tad-9 ta' Ġunju 2022	L 157	1	10.6.2022
►**M17**	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1648 tat-23 ta' Settembru 2022	L 248	52	26.9.2022
►**M18**	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1438 tal-10 ta' Lulju 2023	L 176	17	11.7.2023
►**M19**	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2963 tad-29 ta' Novembru 2024	L 2963	1	2.12.2024
►**M20**	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1079 tat-2 ta' Ġunju 2025	L 1079	1	3.6.2025
►**M21**	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2449 tal-4 ta' Diċembru 2025	L 2449	1	5.12.2025

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2003/91/KE

tas-6 ta' Ottubru 2003

li twaqqaf il-miżuri ta'implimentazzjoni għall-għanijiet ta' Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE rigward il-karatteristiċi li għandhom jiġu inklużi bħala minimu ottenut mill-eżami u l-kondizzjonijiet minimi għall-eżami ta'ċerti varjetajiet ta'speċi ta' ħaxix

(Test b'relevanza għaż- ŻEE)

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal din l-inklużjoni f'katalgu nazzjonali fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(2) ta' Direttiva 2002/55/KE ta'varjetajiet ta'speċji ta'ħaxix li jaderixxu l-ħtiġijiet imniżżla fil-paragrafu 2.

▼M17

2. Fir-rigward tad-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà:

(a) l-ispeċijiet imniżżlin fl-Anness I għandhom jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-"Protokoll għall-provi għal distintività, uniformità u stabbilità" tal-Kunsill Amministrattiv tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) imniżżlin f'dak l-Anness;

(b) l-ispeċijiet imniżżlin fl-Anness II għandhom jikkonformaw mal-linji gwida tal-test għat-twettiq ta' testijiet għad-distintività, l-uniformità u l-istabbilità tal-Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti (UPOV) imniżżlin f'dak l-Anness.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, fir-rigward tal-uniformità, il-varjetajiet organiċi adattati għall-produzzjoni organika, li jappartjenu għall-ispeċijiet imniżżlin fl-Anness III, Parti A, jistgħu minflok jikkonformaw mal-kondizzjonijiet imniżżlin fil-Parti B ta' dak l-Anness.

L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena u sal-31 ta' Diċembru 2030, dwar l-għadd ta' applikazzjonijiet għar-reġistrazzjonijiet tal-varjetajiet u r-riżultati tal-eżamijiet għad-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà (DUS) li jikkonċernaw dawk il-varjetajiet organiċi.

▼B

Artikolu 2

Il-karatteristiċi ta'varjetá fi ħdan it-tifsira mogħtija fl-Artikolu 1(2)(a), u kwalunkwe karatteristiċi markati b' asterisk (*) fil-linji gwida ta'prova msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) għandhom jiġu użati, sakemm l-osservazzjoni ta' karatteristika ma tkunx tħalliet minħabba fl-espressjoni ta' kwalunkwe karatteristici oħrajn, u sakemm l-espressjoni ta' karatteristika m'hix ostakolata mill-kondizzjonijiet ambjentali li fihom tkun qed isseħħ il-prova.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li fil-każ ta'l-ispeċi mniżżla f'L-Annessi I u II, il-ħtiġijiet minimi biex iseħħu l-eżamijiet Lista

▼B

ta’ speċijiet li hemm referenza għalihomtad-disinn ta’prova u tal-kondizzjonijiet ta’tkabbir, kif stabbiliti fil-linji gwida ta’prova msemmijja f’dawk l-Annessi jiġu mħarsa fil-ħin ta’l-eżamijiet.

Artikolu 4

Direttiva 72/168/KEE hija mħassra.

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma meħtieġa biex tiġi mħarsa din id-Direttiva sal-31 ta’ Marzu 2004 l-aktar tard. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bihom fil-pront.

Meta l-Istati Membri jaddottaw dawn il-miżuri, għandhom jinkludu riferenza għal din id-Direttiva jew din ir-riferenza għandha tiġi mhemża fl-okkażjoni tal-publikazzjoni uffiċjali tagħhom.L-istati membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-riferenza.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bit-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi domestika li jaddottaw fl-oqsma li jaqgħu taħt din id-Direttiva..

Artikolu 6

1. Meta, mad-dħul fis-seħħ ta’din id-Direttiva, ċerti varjetajiet ma ġewx aċċettati għall-inklużjoni fil-Katalogu Komuni tal-varjetajiet ta’l-ispeċi tal-ħaxix, u l-eżamijiet uffiċjali nbdew qabel dik id-data skond id-dispożizzjonijiet ta’ jew

(a) Direttiva 72/168/KEE jew

(b) il-linji gwida tal-CPVO mniżżla f’L-Anness I jew il-linji gwida tal-UPOV imniżżla f’L-Anness II, skond l-ispeċi,

il-varjetajiet konċernati jiġu meqjusa li jaderixxu l-ħtiġijiet ta’din id-Direttiva.

2. Paragrafu 1 japplika biss fejn il-provi jwasslu għall-konklużjoni li l-varjetajiet iħarsu r-regoli mniżżla jew f’

(a) Direttiva 72/168/KEE jew fil-

(b) linji gwida tal-CPVO kif mniżżla f’L-Anness I jew fil-linji gwida tal-UPOV kif imniżżla f’L-Anness II, skond l-ispeċi.

Artikolu 7

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fis-seba’ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 8

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼M21

ANNESS I

Lista tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (a), li jridu jikkonformaw mal-protokolli tekniċi tas-CPVO [1]

Isem xjentifiku	Isem komuni	Protokoll tas-CPVO
Allium cepa L. (Grupp Cepa)	Basal u Xalotta twila	TP 46/2 tal-1.4.2009
Allium cepa L. (Grupp Aggregatum)	Xallotta	TP 46/2 tal-1.4.2009
Allium fistulosum L.	Basal tax-xitwa	TP 161/1 tal-11.3.2010
Allium porrum L.	Kurrat	TP 85/2 tal-1.4.2009
Allium sativum L.	Tewm	TP 162/2 tat-30.5.2023
Allium schoenoprasum L.	Kurrat salvaġġ	TP 198/2 tal-11.3.2015
Apium graveolens L.	Karfus	TP 82/1 tat-13.3.2008
Apium graveolens L.	Karfusa liftija	TP 74/1 tat-13.3.2008
Asparagus officinalis L.	Spraġ	TP 130/2 Rev. tat-3.1.2025
Beta vulgaris L.	Pitravi, inkluż il-pitrava Cheltenham	TP 60/1 tal-1.4.2009
Beta vulgaris L.	Selq	TP 106/2 tal-14.4.2021
Brassica oleracea L.	Grupp tal-kaboċċi tal-weraq	TP 90/2 tat-23.4.2025
Brassica oleracea L.	Pastard	TP 45/2 Rev. 3 tal-11.4.2024
Brassica oleracea L.	Brokkoli (tip ta' nebbieta u tip ta' kalabrese)	TP 151/2 Rev. 3 Rett. tal-11.4.2024
Brassica oleracea L.	Kaboċċi ta' Brussell	TP 54/2 Rev. 2 tal-11.4.2024
Brassica oleracea L.	Kohlrabi	TP 65/2 Rev. tal-11.4.2024
Brassica oleracea L.	Kaboċċi mflefla (savoy)	TP 48/3 Rev. 3 tal-11.4.2024
Brassica oleracea L.	Capitata (kaboċċi bojod u kaboċċi ħomor)	TP 48/3 Rev. 3 tal-11.4.2024
Brassica oleracea L.	Grupp tal-kaboċċi tat-Toskana	TP 90/2 tat-23.4.2025
Brassica oleracea L.	Grupp tal-kaboċċi portugiżi (Tronchuda)	TP 90/2 tat-23.4.2025
Brassica rapa L.	Kaboċċi Ċiniżi	TP 105/2 tat-23.4.2025
Capsicum annuum L.	Bżar aħmar jew Bżar ieħor	TP 76/3 tal-31.3.2025
Cichorium endivia L.	Indivja tal-werqa mibruma u Indivja tal-wiesgħa	TP 118/3 tad-19.3.2014
Cichorium intybus L.	Ċikwejra industrijali	TP 172/2 Rev. tat-28.1.2025
Cichorium intybus L.	Ċikwejra tal-weraq	TP 154/2 Rev. tal-31.3.2023
Cichorium intybus L.	Ċikwejra	TP 173/2 tal-21.3.2018
Citrullus lanatus (Thunb.) Matsum. et Nakai	Dulliegħ	TP 142/2 Rev. 3 tad-29.2.2024
Cucumis melo L.	Bettieħ	TP 104/2 Rev. 3 tal-31.3.2025

[1] It-test ta' dawn il-protokolli jinsab fuq is-sit web tas-CPVO (www.cpvo.europa.eu).

▼**M21**

Isem xjentifiku	Isem komuni	Protokoll tas-CPVO
Cucumis sativus L.	Ħjar u Ħjar tal-pikles	TP 61/2 Rev. 3 tat-3.1.2025
Cucurbita maxima Duchesne	Qara’	TP 155/1 tal-11.3.2015
Cucurbita pepo L.	Qarabagħli jew Zukkini	TP 119/1 Rev. 2 tal-31.3.2025
Cynara cardunculus L.	Qaqoċċ u Kardun	TP 184/2 Rev. tas-6.3.2020
Daucus carota L.	Karrotti u Karrotti tal-foraġġ	TP 49/3 Rett. tat-13.3.2008
Foeniculum vulgare Mill.	Bużbież	TP 183/2 tal-14.4.2021
Lactuca sativa L.	Ħass	TP 13/6 Rev. 5 tat-3.1.2025
Solanum lycopersicum L.	Tadam	TP 44/5 tat-23.4.2025
Petroselinum crispum (Mill.) Nyman ex A. W. Hill	Tursin	TP 136/1 Rett. tal-21.3.2007
Phaseolus coccineus L.	Fażola spanjola	TP 9/1 tal-21.3.2007
Phaseolus vulgaris L.	Fażola nana u Fażola tixxeblek ta’ Franza	TP 12/4 tas-27.2.2013
Pisum sativum L. (partim)	Piżelli mkemmex, Piżelli tond u Piżelli ħelwin	TP 7/2 Rev. 3 Rett. tas-6.3.2020
Raphanus sativus L.	Ravanell, Ravanell iswed	TP 64/2 Rev. 2 tad-29.2.2024
Rheum rhabarbarum L	Rabarbru	TP 62/1 tad-19.4.2016
Scorzonera hispanica L.	Skorzonera jew Sassefrika sewda	TP 116/1 tal-11.3.2015
Solanum melongena L.	Brunġiel	TP 117/1 tat-13.3.2008
Spinacia oleracea L.	Spinaċi	TP 55/5 Rev. 5 tat-23.4.2025
Valerianella locusta (L.) Laterr.	Valerjanella jew Ħass tal-ħaruf	TP 75/2 Rev. tad-29.2.2024
Vicia faba L. (partim)	Ful	TP 206/1 tal-25.3.2004
Zea mays L. (partim)	Qamħirrum ħelu u Popcorn	TP 2/3 tal-11.3.2010
Solanum habrochaites S. Knapp & D.M. Spooner*; Solanum lycopersicum* L. x *Solanum habrochaites* S. Knapp & D.M. Spooner*; Solanum lycopersicum* L. x *Solanum peruvianum* (L.) Mill.*; Solanum pimpinellifolium* L. x *Solanum habrochaites* S. Knapp & D.M. Spooner	Salvaġġ tat-tadam	TP 294/1 Rev. 6 tad-29.2.2024
Cucurbita maxima Duchesne x *Cucurbita moschata* Duchesne	L-ibridi interspeċifiċi tal-*Cucurbita maxima* Duchesne x *Cucurbita moschata* Duchesne għall-użu bħala salvaġġ	TP 311/1 tal-15.3.2017

▼**M20**

ANNESS II

Lista tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (b), li jridu jikkonformaw mal-linji gwida tal-ittestjar tal-UPOV (*)

Isem xjentifiku	Isem komuni	Linja gwida tal-UPOV
Brassica rapa L.	Nevew	TG/37/11 tat-23.9.2022

(*) It-test ta' dawn il-linji gwida jinsab fuq is-sit web tal-UPOV (www.upov.int).

▼M17

ANNESS III

PARTI A

Lista ta' speċijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(2)

Zunnarija

Ġidra

PARTI B

Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar testijiet għad-distintività, l-uniformità u l-istabbiltà għal varjetajiet organiċi ta' speċijiet ta' ħxejjex adattati għall-produzzjoni organika

1. **Regola ġenerali**

Dan li ġej għandu japplika għal varjetajiet organiċi ta' speċijiet ta' ħxejjex adattati għall-produzzjoni organika

1.1. Fir-rigward tad-distintività u l-istabbiltà, il-karatteristiċi kollha tal-protokolli u l-linji gwida msemmija fl-Annessi I u II għandhom jiġu osservati u deskritti.

1.2. Fir-rigward tal-uniformità, il-karatteristiċi kollha tal-protokolli u l-linji gwida msemmija fl-Annessi I u II għandhom jiġu osservati u deskritti u dan li ġej għandu japplika għall-karatteristiċi mniżżlin skont il-punt 2:

(a) dawk il-karatteristiċi jistgħu jiġu vvalutati b'mod inqas strett;

(b) fejn għal dawk il-karatteristiċi tkun prevista deroga mill-protokoll tekniku rispettiv f'dak il-punt 2, il-livell ta' uniformità fil-varjetà għandu jkun simili għal-livell ta' uniformità ta' varjetajiet komparabbli ta' għar-fien komuni fl-Unjoni.

2. **Deroga mill-protokolli tekniċi**

2.1. Zunnarija

Għall-varjetajiet li jappartjenu għall-ispeċi zunnarija (*Daucus carota* L.) il-karatteristiċi tad-DUS li ġejjin tal-protokoll CPVO-TP/049/3 tas-CPVO tal-varjetà ttestjata jistgħu għall-uniformità jiddevjaw mir-rekwiżiti tad-DUS li ġejjin:

CPVO Nru 4 – Werqa: it-tqassim

CPVO Nru 5 – Werqa: l-intensità ta' kulur aħdar

CPVO Nru 19 – Għerq: id-dijametru tal-qalba relattiv għad-dijametru totali

CPVO Nru 20 – Għerq: il-kulur tal-qalba

CPVO Nru 21 – Minbarra varjetajiet b'qalba bajda; Għerq: l-intensità tal-kulur tal-qalba

CPVO Nru 28 – Għerq: il-ħin ta' kolorazzjoni tat-tarf

CPVO Nru 29 – Pjanta: l-għoli tal-umbella primarja fiż-żmien tal-fjoritura tagħha

2.2. Ġidra

Għall-varjetajiet li jappartjenu għall-ispeċi ġidra (*Brassica oleracea* L.) il-karatteristiċi DUS li ġejjin tal-protokoll tas-CPVO CPVO-TP/065/1 Rev. tal-varjetà ttestjata jistgħu għall-uniformità jiddevjaw mir-rekwiżiti tad-DUS li ġejjin tal-protokoll tekniku tas-CPVO rispettiv:

CPVO Nru 2 – Nibbiet: l-intensità tal-kulur aħdar tal-kotiledoni

CPVO Nru 6 – Zokk irqiq tal-werqa: l-orjentazzjoni

CPVO Nru 8 – Werqa mingħajr iz-zokk: it-tul

▼**M17**

CPVO Nru 9 – Werqa mingħajr iz-zokk: il-wisa’

CPVO Nru 10 – Werqa mingħajr iz-zokk: il-forma tal-ponta

CPVO Nru 11 – Werqa mingħajr iz-zokk: it-tqassim għal nofs il-werqa (fil-parti t’isfel tal-werqa)

CPVO Nru 12 – Werqa mingħajr iz-zokk: in-numru ta’ inċiżjonijiet tal-marġni (fil-parti ta’ fuq tal-werqa)

CPVO Nru 13 – Werqa mingħajr iz-zokk: il-fond tal-inċiżjoni tal-marġni (fil-parti ta’ fuq tal-werqa)

CPVO Nru 14 – Werqa mingħajr iz-zokk: il-forma f’sezzjoni trasversali

CPVO Nru 19 – Ġidra: l-għadd ta’ weraq ta’ ġewwa.